**Fil-Qorti tal-Magistrati (Malta)**

**Magistrat Dr. Nadine Lia**

**B.A; LL.M (Kent); LL.D; Barrister at Law (England & Wales)**

**Avviz Numru: 205/2016 NL**

**THOMAS DJAFARI, JORGE ALVAREZ, U L-AVUKAT DR MALCOLM MIFSUD A NOM U IN RAPPREZENTANZA TA' L-ASSENTI THOMAS GLASS U JASMIN BONSHOR**

**vs**

**TRC FAMILY ENTERTAINMENT LIMITED (C533076)**

Illum, 22 ta' Frar 2023

Il-Qorti:

**Premessi**

Rat l-avviz[1] tar-rikorrenti pprezentat nhar it-18 ta' Awissu 2016 fejn talbu lill-Qorti tikkundanna lis-socjeta` intimata:

*… li thallas is-somma ta' €13,785.51, rapprezentanti paga u beneficcji li s-socjeta' konvenuta naqqset milli thallas, oltre l-imghax legali bl-ispejjez kontra tieghek minn issa ingunt in subizzjoni.*

Rat il- *Power of Attorney* ta' Brian Thomas Glass, data 11 ta' Mejju 2016 li biha tawtorizza lil Dr. Malcolm Mifsud, Dr. Cedric Mifsud ta' Mifsud & Mifsud Advocates, 123, Melita Street, Valletta sabiex jirrapprezentawh f'kull azzjoni legali.[2]

Rat il- *Power of Attorney* ta' Jasmine Bonshor, data 11 ta' Mejju 2016 li biha tawtorizza lil Dr. Malcolm Mifsud, Dr. Cedric Mifsud ta' Mifsud & Mifsud Advocates, 123, Melita Street, Valletta sabiex jirrapprezentawha f'kull azzjoni legali.[3]

Rat ir-risposta[4] ta' TRC Family Entertainment Limited (C533076) ipprezentata nhar it-30 ta' Settembru 2016 fejn eccepiet issegwenti eccezzjonijiet:

1. *Preliminarjament, it-talba ta' l-atturi hija preskritta ai termini tal-artikolu 2147(c) tal-Kodici Civili.*

[1] Fol. 1
[2] Fol. 2
[3] Fol. 3
[4] Fol. 8

2. *Minghajr pregudizzju ghas-suespost, u fil-mertu, l-atturi ghandhom tal-inqas jispjegaw il-pretenzjoni ta' kull wiehed mir-rikorrenti u l-ammont li kull individwu qieghed jippretendi mis-socjeta' intimate. Addizzjonalment, l-atturi ghandhom kollha kemm huma, igibu prova tat-talbiet taghhom.*

*Bl-ispejjez u salv eccezzjonijiet ulterjuri.*

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) kif diversament preseduta moghtija nhar is-6 ta' Novembru 2018 li permezz taghha laqghet l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni moghtija mis-socjeta' intimata, dan pero' ddikjarat li din l-azzjoni hija preskritta skond l-artikolu 2148(d) tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta[5] u mhux skond l-artikolu 2147 (c).

Rat ir-rikors ta' l-appell ta' Thomas Djafari, Jorge Alvarez u l-Avukat Dr. Malcolm Mifsud a nom u in rapprezentanza ta' l-assenti Thomas Glass u Jasmin Bonshor.[6]

Rat ir-risposta ta' l-Appell tas-socjeta' TRC Family Entertainment Limited (C53076).[7]

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Appell (Sede Inferjuri), moghtija nhar il-25 ta' Frar 2019 li permezz taghha laqghet l-appell tas-socjeta' konvenut hassret is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) tas-6 ta' Novembru 2018 u ordnat li jintbaghtu l-atti lura quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) sabiex terga'

[5] Fol. 79-83
[6] Fol. 85-86
[7] Fol. 88-91

tiddeciedi dwar l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni skont kif inghatat mis-socjeta konvenuta.[8]

Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet ulterjuri tas-socjeta attrici TRC Family Entertainment Ltd data nhar il-24 ta' Ottubru 2019 li biha eccepiet is-segwenti[9]:

1. *T-talba ta' l-atturi hija prekritta ai termini tal-artikolu 2148(d) tal-Kodici Civili, Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta.*

2. *Salv eccezzjonijiet ulterjuri.*

Rat illi waqt l-udjenza tal-10 ta' Ottubru 2019, il-Qorti kif kienet diversament preseduta[10] laqghat it-talba tas-socjeta' intimata biex teccepixxi l-eccezzjoni tal-prekrizzjoni ai termini tal-artikolu 2148(d) tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta u tat terminu perentorju ta' ghoxrin (20) gurnata sabiex tigi pprezentata nota ta' eccezzjonijiet ulterjuri fir-rigward ta' din l-eccezzjoni;

Rat illi din il-kawza giet assenjata lil din il-Qorti kif ippreseduta permezz ta' digriet ta' l-1 ta' Jannar 2020 mill-Prim Imhallef Emeritus Joseph Azzopardi LL.D.[11] ;

Rat is-sentenza ta' din il-Qorti tal-4 ta' Mejju 2021[12] fejn iddisponiet mill-ewwel eccezzjoni preliminari taht l-artikolu 2147 (c) tal-Kodici Civili u l-eccezzjoni preliminari ulterjuri taht l-artikolu 2148 (d) tal-Kodici Civili mressqa mis-

---

[8] Fol. 111-113
[9] Fol. 117
[10] Magistrat Dr. Simone Grech
[11] Folio 102 ta' l-atti processwali
[12] Fol. 128-146

socjeta' konvenuta fir-risposta ulterjuri taghha tal-24 ta' Ottubru 2019 billi cahdithom, bl-ispejjez ikunu a karigu tas-socjeta' konvenuta, ghajr ghal dawk l-ispejjez kif deciz mill-Qorti ta' l-Appell fis-sentenza taghha tal-25 ta' Frar 2019.

Rat illi din il-Qorti ordat il-prosegwiment tal-kawza fuq il-mertu;

Rat in-nota[13] tar-rikorrenti pprezentata fil-15 ta' Gunju 2021 li permezz taghha iddikjaraw li ma ghandhomx aktar provi xi jressqu;

Rat illi s-socjeta` intimata ghalqet il-provi taghha fis-seduta tal-11 ta' Lulju 2022[14];

Semghet ix-xhieda u rat il-provi u d-dokumenti kollha in atti;

Semghet it-trattazzjoni tal-partijiet;

Rat l-atti kollha;

Rat illi l-kawza giet imhollija ghal-lum ghas-sentenza u ma jirrizultax illi saret xi talba ghas-sospenzjoni tal-prolazzjoni tas-sentenza jew li hemm xi impediment iehor ghall-ghoti tas-sentenza illum;

**Provi**

[13] Fol. 166
[14] Fol. 222

Mill-provi mressqa mir-rikorrenti, jirrizulta li ghall-habta ta' Settembru 2014, l-impjiegi tar-rikorrenti (u impjegati ohrajn) gew terminati u ghalkemm thallsu tax-xhur kollha l-ohra li kienu ghadhom pendenti, jidher li ma thallsux il-paga ghax-xahar ta' Settembru 2014 (jew ta' parti minnu). L-atturi Jorge Alvarez, Thomas Djafari, Brian Glass u Jasmine Bonshor kollha jghidu li l-impjieg taghhom gie terminat f'Settembru 2014, izda kien biss xhur wara li rcevew *parti* mis-salarji dovuti lilhom, u f'Settembru 2015, ir-rikorrenti rcevew ammont li, skond il-kalkoli taghhom, kien ihalli bilanc dovut f'paga ghax-xahar ta' Settembru 2014. Fil-fatt, ir-rikorrenti pprezentaw prospett[15] permezz ta' nota li jindika li Thomas Djafari huwa dovut is-somma ta' €7,428.51, Jorge Alvarez is-somma ta' €2,600.36, Jasmine Bonshor is-somma ta' €1,884.50 u Brian Thomas Glass is-somma ta' €1,872.14. Gie indikat li fil-kaz ta' kull rikorrent, l-ammont kien dovut in linea ta' bilanc mill-paga ta' Settembru 2014, li matulu kienu qed jahdmu il-perjodu ta' *notice* taghhom.

Illi permezz ta' email datata 27 ta' Awwissu 2014[16], Paul Taylor, CEO tas-socjeta` intimata informa lill-impjegati li l-kumpanija kienet kostretta tniedi process ta' sensja kollettiva ossija *collective redundancy*. F'din l-email kiteb li "*the company has now been left no choice but to enter into this legal process in order to limit our ongoing liabilities, as the guarantees we have in place cover the outstanding payments for June, July and August* ***and any redundancy which may become payable as a result of this process***". Inoltre, permezz ta' ittra datata 26 ta' Awwissu 2014, l-istess Taylor kien kiteb esplicitament li "***you are entitled to receive one month's notice in full and final settlement and this represents your redundancy payment together with all untaken and accrued holiday, plus any statutory bonus payments that are due to you****. Please note that this sum will be*

[15] Fol. 12
[16] Fol. 38

*added to the amounts owed for June, July as well as August salary payments to which you are entitled".*

Fl-affidavits[17] tieghu, Thomas Djafari jispjega li kien ghall-habta ta' Mejju 2014 li hu flimkien mal-impjegati l-ohrajn saru jafu li s-socjeta` attrici kienet qed tiffaccja diffikultajiet finanzjarji. Jirreferi ghal laqgha ghall-impjegati li saret f'Gunju 2014 fejn Paul Taylor, CEO tal-kumpannija, spjega li l-pagi ma kienux hargu minhabba problema bis-sistema tal-*payroll* madankollu, Djafari jkompli jghid li ftit wara saru jafu li l-problema kienet ferm akbar u kienet tikkoncerna l-likwidita` tal-kumpannija. Minkejja dan, huwa baqa' jahdem sa ma gie terminat f'Settembru 2014. Jiccita konversazzjoni bl-iSkype ma Craig Robinson, direttur iehor tas-socjeta` intimata, datata l-1 ta' Ottubru 2015 fejn dan specifikament jghid li kien qed jaghmel "***everything possible to ensure that the salaries owed to staff are paid as soon as possible***" u li "*I look forward to updating the elected Employee Representative as soon as the next round of payments get paid*"[18]. Spjega li bi zball, il-pendenzi dovuti lilu gew ommessi mill-*claim* kollettiva li kien ghamel id-Dipartiment ghar-Relazzjonijiet Indistrijali u l-Impjieg (DIER) kontra s-socjeta` intimata. In kontro-ezami[19] jinnega li ghall-habta ta' Awwissu 2014 kien ghamel xoghol bi qliegh ghall-entitajiet terzi b'apparat appartenenti lis-seocjeta` intimata. Iccara li dak li qed jitlob permezz ta' din il-kawza huwa ghal pagi mhux imhallsin li sahansitra huma koperti b'*payslip*.

Illi fl-affidavits[20] tieghu, ir-rikorrent Brian Glass jghid li l-impieg tieghu mas-socjeta` intimata intemm fis-27 ta' Settembru 2014 u jikkonferma li huwa kellu skambju ta' emails ma Dr Henri Mizzi li kien qed jippatrocina lis-socjeta`

[17] Fol. 23-24 u Fol. 120
[18] Vide document ezebit a Fol. 17
[19] Fol. 224
[20] Fol. 28-29 u Fol. 99

intimata fejn dan kien ikkonfermalu li kien ghadda d-dettalji bankarji tieghu u tar-rikorrenti l-ohrajn lis-socjeta` intimata minghajr negazzjoni ta' responsabbilita` ghall-hlas. Jispjega li filwaqt li kien inghata l-*payslips* ghax-xhur ta' Gunju, Lulju u Settembru 2014 il-hlasijiet ghall-ewwel zewg xhur kien saru f'Settembru 2016 filwaqt li l-hlas ghall-Settembru 2014 baqa' ma wasal qatt u huwa l-mertu ta' din il-kawza[21].

Fl-affidvits[22] taghha, Jasmin Bonshor, bhar-rikorrenti l-ohrajn, spjegat li f'Mejju 2014 is-sitwazzjoni finanzjarja tas-socjeta` attrici bdiet sejra lura. Hija baqghet tidhol ghax-xoghol sa ma giet terminata f'Settembru 2014. Stqarret li ma jidhrilhiex li kienet involuta fit-talba ghall-pagi kollettiva li kien ghamel id-Dipartiment ghall-Impjiegi u Relazzjonijiet Industrijali ("DIER"). Hija kienet baqghet tittama li s-socjeta` intimata ser thallas il-pendenzi minhabba d-diversi accertamenti li kienet inghatat mit-"*top management*" tal-kumpanija. Iccarat li dak li qed titlob permezz ta' din il-kawa hija l-paga ghax-xahar ta' Settembru 2014 li matulu kienet qed tahdem in-*notice period*.

Fl-affidavits[23] tieghu Jorge Alvares Granado jghid ukoll li l-impieg tieghu gie terminat f'Settembru 2014 wara li s-socjeta` intimata riskontrat diffikultajiet finanzjarji u li fl-10 ta' Settembru 2015 ircieva l-pagi ghax-xhur ta' Lulju u Awwissu 2014 biss li l-paga ta' Settembru 2014, fl-ammont ta' €2,600 baqghet ma waslet qatt.

---

[21] Fl-ewwel affidavit tieghu, Brian Glass kien spjega li l-pendenza odjerna, fil-kaz tieghu, primarjament tikkoncerna x-xahar ta' Awwissu 2014 izda imbaghad, fit-tieni affidavit tieghu, jidher li jikkoregi ruhu u bhar-rikorrenti l-ohrajn, itenni li l-ammont pendent ta' €1,872.14 jikkoncerna l-paga ta' Settembru 2014.
[22] Fol. 33 u Fol. 221
[23] Fol. 21 u Fol. 106

Is-socjeta` intimate pprezentat affidavit[24] ta' Peter Robinson, direttur, li in succinct, spjega li s-socjeta' intimata sabet diffikultajiet finanzjarji u li minkejja li rebhet kawzi kontra entitajiet li kellhom jaghtuha l-flus, inluz certu Simon Smith, finanzjatur Ingliz, ma setghatx tezegwixxi s-sentenza minhabba li dan Smith iddikjara falliment. Jispjega li s-socjeta` intimata kienet ikooperat bis-shih mad-Dipartiment ghall-Impjiegi u Relazzjonijiet Industrijali ("DIER") fir-rigward li kienu fethu l-eks impjegati inkluz ir-rikorrenti Thomas Djafari, Jorge Alvarez, Brian Glass u Jasmine Bonshor tant li kienu saru pagamenti u kellu f'idu email minghad id-Direttur tal-imsemmi Dipartiment li "*all outstanding dues were paid and the matter settled*".

Louis Buhagiar, ghan-nom tal-Agenzija Jobsplus, ipprezenta dokumentazzjoni ufficjali ossija *Employment History* li tikkonferma li Thomas Djafari[25] kien impjegat mas-socjeta` intimata bejn l-10 ta' Gunju 2013 u s-17 ta' Settembru 2014; Jorge Alvarez Granado[26] bejn is-17 ta' Settembru 2012 u s-27 ta' Settembru 2014; Jasmine Bonshor[27] bejn id-19 ta' Gunju 2012 u s-27 ta' Settembru 2014 u Brian Glass[28] bejn it-3 ta' Mejju 2012 u s-28 ta' Settembru 2014.

**Ikkunsidrat**

Illi l-Qorti tinnota li apparti l-eccezzjonijiet tal-preskrizzjoni li gew michuda permezz ta' sentenzi parzjali, l-unika eccezzjoni li s-socjeta` intimata ressqet in mertu hija dik numerata tnejn (2) li ttenni li "*l-atturi ghandhom tal-anqas jispjegaw il-pretenzjoni ta' kull wiehed mir-rikorrenti u l-ammont li kull individwi qieghed*

[24] Fol. 176
[25] Fol. 182
[26] Fol. 183
[27] Fol. 184
[28] Fol. 215

*jippretendi mis-socjeta` intimata. Addizzjonalment, l-atturi ghandhom kollha kemm huma, igibu prova tat-talbiet taghhom".*

Illi huwa ghalhekk car ghall-Qorti li s-socjeta` intimata mhux qed tghid li t-talbiet huma infondati jew inkella li l-ebda ammont ma huwa dovut lir-rikorrenti, ghajr ghall-fatt li fil-fehma taghha f'dak il-punt, li t-talbiet setghu kienu perenti bid-dekorrenza tal-preskrizzjoni. Sorvolati l-eccezzjonijiet tal-preskrizzjoni, l-uniku ezami li trid taghmel din il-Qorti f'dan l-istadju huwa jekk l-ammonti reklamati mir-rikorreneti, fuq bazi ta' probabbiltajiet, humhiex verosimili.

Illi skont il-gurisprudenza nostrana[29], in materja ta' provi, gie diversi drabi ritenut illi r-regoli l-aktar prevalenti fl-ordinament guridiku taghna jidhru li huma dawn:-

(i) Ibda biex ir-regola tradizzjonali tal-piz tal-provi timponi a kariku tal-parti li tallega fatt l-oneru li ggib il-prova ta' l-ezistenza tieghu. Tali oneru hu ugwalment spartit bejn il-kontendenti, sija fuq l-attur li jsostni l-fatti favorevoli li jikkostitwixxu l-bazi tad-dritt azzjonat minnu (*actor incumbit probatio*), sija fuq il-konvenut ghas-sostenn tal-fatt migjub minnu biex jikkontrasta l-pretiza tal-attur (*reus in excipiendo fit actor*)

(ii) Fil-kors tal-kawza dan il-piz jista` joxxilla minn parti ghall-ohra, ghax, kif jinghad, 'jista jkun gie stabbilit fatt li juri *prima facie* li t-tezi ta' l-attur hija sostenuta'

[29] *Joseph Tonna vs Philip Azzopardi* (Appell Civili Inferjuri, deciz 12 ta' April 2007)

Illi fil-fehma tal-Qorti, permezz tal-provi mressqa mir-rikorrenti, irnexxielhom juru x'inhuma "l-pretenzjoni ta' kull wiehed mir-rikorrenti u l-ammont li kull individwu qieghed jippretendi" u s-socjeta` intimata, minn naha taghha, hadet rwol pjuttost passiv fejn ma gabet l-ebda prova ta' sustanza biex tirribatti t-tezi tar-rikorrenti bhal per ezampju, li l-ammonti reklamati kienu gew imhallsa jew inkella li ma kienux dovuti skont il-ligi. Ghalhekk, l-unika eccezzjoni fil-mertu tas-socjeta' intimata hija ukoll imxejjna.

Illi, ghall-kompletazza, din il-Qorti tosserva li dak li qed jitolbu r-rikorrenti permezz ta' din il-kawza jinkwadra fid-drittijiet taghhom bhala impjegati kif naxxenti mis-subincizi (5), (8) u (9) tal-Artikolu 36 tal-Kapitolu 452 tal-Ligijiet ta' Malta.

Illi finalment, din il-Qorti ma tistax ma tinnutax ukoll li s-socjeta` intimata gharfet il-jedd tar-rikorrenti li jircievu l-hlas meta sewwa jekk b'komunikazzjonijiet bil-miktub li fihom is-socjeta` intimata ripetutament affermat li qed taghmel minn kollox biex thallas is-salarji dovuti lill-impjegati taghha u sewwa jekk bi hlasijiet akkont ta' salarji li saru f'Settembru 2015. Dan kollu jkompli jelimina kull dubju li dak li qed jitolbu r-rikorrenti huwa, fuq bazi ta' probabiltajiet, gustifikat u minnu.

**DECIDE**

**Ghaldaqstant, il-Qorti taqta' u tiddeciedi l-kawza billi ghall-mottivi kollha hawn fuq spjegati, filwaqt li tichad ir-rimanenti eccezzjoni fil-mertu tas-socjeta` intimata numerata tnejn (2), tilqa t-talba tar-rikorrenti u tikkundanna lis-socjeta` intimata sabiex thallas lir-rikorrenti s-somma ta' tlettax-il elf, seba mija u hamsa u tmenin Euro u wiehed u hamsin centezmu (€13,785.51) bl-imghax skont il-ligi.**

**L-ispejjez kollha jkunu a karigu tas-socjeta' intimata.**

**Moghtija illum, nhar it-22 ta' Frar 2023 fil-Qrati tal-Gustizzja, Valletta**

**Dr. Nadine Lia**

**Magistrat**

**Lorianne Spiteri**

**Deputat Registratur**